# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Rikors numru 122/08[1] JA**

**Susan Armeni**

**v.**

**Leonard Armeni**

## Preliminari

**1.** Dawn huma: appell principali maghmul mill-attrici, u appell incidentali maghmul mill-konvenut minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] fis-7 ta' Lulju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti: ippronunzjat il-hall taz-zwieg b'tort indaqs tal-partijiet u awtorizzat lill-attrici tghix separata mill-konvenut; iddikjarat ix-xoljiment u l-

[1] Ir-rikors guramentat [kawza nru.122/08] kien gie pprezentat fis-27 ta' Marzu 2008 filwaqt li r-Rikors guramentat [kawza nru.180/08] fl-ismijiet inversi kien gie pprezentat fil-25 ta' April 2008.

likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u ordnat il-bejgh tal-fond ‘Sueloen’, Triq Alessio Xuereb, Taz-Zwejt, San Gwann [a bazi tal-prezz ta’ €245,000] u tal-fond ‘Cycas’ Triq it-Turisti, Qawra [a bazi tal-prezz ta’ €67,000] u l-garaxx sottostanti bin-numru 79 [a bazi tal-prezz ta’ €25,000] u r-rikavat jinqasam f’ishma ndaqs bejn il-partijiet wara li l-konvenut jippreleva s-somma ta’ €13,461 u jithallas il-bank kreditur – u dan wara li jghaddu sentejn mil-lum; ordnat ukoll li l-kontijiet bankarji lokali kif ukoll *bonds*, poloz t’assikurazzjoni u nvestimenti ohra kollha f’Malta kemm f’isem il-partijiet wahedhom jew konguntivament ghandhom jinqasmu f’ishma ndaqs bejn il-partijiet; awtorizzat lill-partijiet izommu l-oggetti parafernali llum fil-pussess taghhom; filwaqt li cahdet il-bqija tat-talbiet; u ordnat li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-partijiet f’ishma ndaqs.

**2.** Permezz ta’ nota prezentata quddiem din il-Qorti fit-28 ta’ Jannar 2015 li l-attrici ddikjarat ix-xewqa taghha sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe` ‘Duca’.

**<u>L-Appelli</u>**

**3.** L-attrici appellanti qeghdha tibbaza l-appell taghha fuq erba’ aggravji li jirrigwardjaw is-segwenti aspetti: [1] il-htija tas-separazzjoni attribwita liz-zewg partijiet f’ishma ndaqs; [2] il-likwidazzjoni u l-

assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; [3] il-manteniment ghat-tifel u [4] l-akkollazzjoni tal-ispejjez gudizzjarji.

**4.** Ghar-ragunijiet indikati fir-rikors minnha prezentat, l-attrici qed titlob lil din il-Qorti li s-sentenza appellata tigi mhassra fit-termini tal-aggravji mressqa minnha fl-istess rikors: [i] f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ppronunzjat is-separazzjoni bejn il-partijiet b'tort indaqs; [ii] f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti illikwidat il-komunjoni tal-akkwisti u ordnat il-bejgh tal-fondi immobbli tal-partijiet - bir-rikavat jinqasam f'ishma ndaqs bejniethom u bl-appellat jippreleva s-somma ta' €13,461 - wara li jghaddu sentejn mis-sentenza; u [iii] f'dik il-parti fejn cahdet it-tmien talba u ghalhekk naqset milli tipprovdi illi l-konvenut ghandu jhallas manteniment ghall-htigijiet tat-tifel meta dan ikompli bl-istudju tieghu, u, minflok, tilqa' din it-talba - bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta.

**5.** Min-naha tieghu l-konvenut appellat qed jibbaza l-appell incidentali tieghu fuq tliet aggravji li jirrigwardjaw is-segwenti aspetti: [A] l-oggetti mobbli, senjatament l-ghamara li hemm fiz-zewg fondi fuq indikati u z-zewg vetturi tal-partijiet; [B] l-ispejjez ta' manutenzjoni maghmula minnu fil-fond tal-Qawra; u [C] it-terminu ta' sentejn moghti mill-ewwel Qorti lill-partijiet sabiex dawn jibqghu jirrisjedu fil-fondi fejn qed jghixu llum qabel ma jsir il-bejgh taghhom.

**6.** Ghar-ragunijiet indikati fir-risposta tieghu l-konvenut qed jitlob li l-appell tal-attrici jigi michud u l-appell incidentali tieghu jigi milqugh u s-sentenza appellata tigi riformata billi:

> “1) tordna illi l-effetti mobbli kollha li jinsabu fil-proprjetajiet kollha tal-kontendenti, ossija fid-dar matrimonjali u kif ukoll fl-appartament gewwa l-Qawra u kif ukoll iz-zewg vetturi li jinsabu fil-pussess taghhom tal-marka Hyundai u Peugeot 106 jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-appellanti u l-ohra lill-appellat billi jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni u nutar sabiex jircievi l-att relattiv;
>
> “2) tordna lill-appellanti sabiex thallas lill-appellat zewgha sehmha mill-ispejjez inkorsi fil-manutenzjoni u tisbih tal-komun tal-blokka ta’ appartamenti li fih jinsab il-post ta’ villeggjatura gewwa l-Qawra;
>
> “3) tordna l-bejgh tad-dar matrimonjali u kif ukoll tal-post ta’ villeggjatura gewwa l-Qawra b’mod immedjat.
>
> “Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.”

**<u>Il-Fatti</u>**

**7.** Il-fatti relevanti huma dawn: Il-partijiet izzewwgu fl-4 ta’ April 1987 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal, Lauresse u Daniele li twieled fit-23 ta’ Frar 1994 u li ghalhekk fiz-zmien li bdew il-proceduri kien ghadu minorenni.

**8.** Matul iz-zwieg it-tifla kienet tghix mal-genituri taghha, filwaqt li t-tifel wara sena li twieled beda jghix ghand iz-zija tieghu oht il-konvenut, hlief fil-*weekends* meta t-tifel kien jghix mal-genituri tieghu. L-attrici tghid li matul il-gimghat hi kienet tmur kuljum ghand oht ir-ragel biex tara lit-tifel.

**9.** Il-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata b'litigji kontinwi principalment minhabba l-hin li l-attrici kienet taghmel barra mid-dar, kemm minhabba impenji ta' xoghol, kif ukoll ghall-affarijiet ohra, bhal studju u partecipazzjoni fl-attivitajiet tal-komunita`. Min-naha taghha l-attrici tghid li l-konvenut kien dominanti u pussessiv, filwaqt li l-konvenut jghid li l-attrici ma kellha ebda interess fih izda kien mohha fl-attivitajiet barra mid-dar u li ma kinitx tati priorita` lill-affarijiet li jikkoncernaw il-familja.

**10.** Rizultat ta' inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, fl-24 ta' Gunju 2007 il-konvenut hareg mid-dar matrimonjali, sitwata f'San Gwann, u mar jabita fil-post tal-villegjatura tal-partijiet sitwat fil-Qawra, izda ghal bidu xorta baqa' f'kuntatt mat-tfal u kien jidhol id-dar meta ma tkunx hemm l-attrici biex jevita li jinqala' l-inkwiet.

**11.** Iz-zewg partijiet qabblu li meta l-attrici kienet ghamlet xi xhur id-dar peress li kienet ma tiflahx il-konvenut kien dar biha u ha hsiebha u f'dak il-perjodu r-relazzjoni ta' bejniethom "kienet ahjar".[2]

**Is-Sentenza Appellata**

**12.** L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[2] RG. 122/08 - Vol.2 – Dep. Attrici – Fol.1037

"Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li ż-żwieġ tkisser prinċipalment minħabba l-aspettattivi diversi li kellhom il-partijiet miż-żwieġ, u minħabba inkompatibilita' ċara ta' karattru. L-affidavits ċitati jindikaw sewwa l-problemi li kellhom il-partijiet, l-aktar mill-aspett karatterjali tant li spiċċaw dejjem jiġġieldu b'mod aħrax. Il-Qorti jidhrilha li f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa evidenti li l-partijiet ma kienux kumpatibbli biex jgħixu flimkien.

"Għaldaqstant, il-Qorti tħoss li l-partijiet jaħtu t-tnejn għat-tifrik taż-żwieġ u spiċċaw jgħixu *f'"sistema costante di vessazione e di disprezzo,di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* (**"Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967).

**"KURA U KUSTODJA**

"Illi kif jidher mill-atti, it-tfal li l-partijet kellhom miż-żwieġ illum laħqu l-eta' maġġorenni u jaħdmu; kwindi ma hemmx lok għall- provvediment f'dan ir-rigward.

**"MANTENIMENT**

"Illi lanqas ma hemm lok għal manteniment fir-rigward ta' xulxin għaliex il-partijiet it-tnejn li huma fil-preżent jinsabu mpjegati.

**"PROPRJETA'**
**"(Beni immobbli**)

"Illi d-dar matrimonjali nbniet fuq art li kien xtara l-attur għas- somma ta' mitejn u ħamsin Liri Maltin (Lm250) skont l-iskema ta' dak iż-żmien tal-Awtorita' tad-Djar; ma hemmx dubju li skont ġurisprudenza riċenti (wara s-sentenza **"Marthese Vella vs George Vella"** deċiża fit-28 ta' Marzu 2003) din għandha tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti peress li dak iż-żmien tal-akkwist il-partijiet kienu ġja' għarajjes u kienu applikaw bħala tali biex akkwistaw il-*plot*.

"Illi l-konvenut qed jitlob li jiġi kreditat is-somma ta' wieħed u għoxrin elf, erba' mija wieħed u sittin Ewro (€21,461) għal spejjeż li ħareġ hu. L-attriċi min-naħa tagħha qalet li hija ukoll ħarġet spejjeż għalkemm ma esibitx dokumenti kif għamel il-konvenut. Mill-kumpless tal-provi l-verżjoni tal-attrici tidher pero' xorta kredibbli u għalhekk *arbitrio boni viri* l-Qorti se tikkreditaha fis-somma ta' tmint elef Ewro (€8,000), u għalhekk il-konvenut għandu jippreleva favur tiegħu s-somma ta' tlettax-il elf, erba' mija wieħed u sittin Ewro (€13,461) wara li tinbiegħ il-proprjeta' (stmata mitejn u ħamsa u erbgħin elf Ewro (€245,000) mill-perit tekniku). Madankollu l-Qorti se tawtorizża lill-attriċi biex tgħix fid-dar għal sentejn mid-data tas-sentenza biex tilħaq tirranġa s-sitwazzjoni tagħha billi għandha t-tfal jgħixu magħha, *sia pure* maġġorenni.

> "Illi l-appartament tal-Qawra (stmat sebgħa u sittin elf Ewro (€67,000) għandu wkoll jinbiegħ iżda l-konvenut għandu jkollu sentejn żmien jabita fih, kif ukoll għandu jinbiegħ il-garaxx (stmat ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000). Dwar xi *owners' fees* u spejjeż oħra mħallsa mill-konvenut in konnessjoni mal-appartament, billi huwa ilu issa xi snin jgħix fih mhux il-każ li l-Qorti tieħu konjizzjoni tagħhom.
>
> **"(Beni mobbli)**
>
> "Illi l-partijiet għandhom xi ishma f'soċjetajiet u kontijiet bankarji (ndikati mill-konvent a folio 1101 u 1102 tal-proċess) li naturalment ser jinqasmu ugwalment bejniethom.
>
> "Illi kull parti għandha żżomm il-mobbli preżentement fil-pussess tagħha peress li jidher li dawn huma oġġetti prevalentement parafernali.
>
> "Illi l-Qorti ma jidhriliex li hemm l-estremi biex tapplika l-effetti tal-artikolu 48 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili."

**<u>L-Aggravji</u>**

*L-ewwel aggravju tal-appell principali*

**13.** Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti sabet liz-zewg partijiet hatja ndaqs ghall-hall taz-zwieg. L-attrici ssostni li ma kellu jigi attribwit lilha ebda tort, filwaqt li l-konvenut kellu jinstab hati mhux biss ghar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, imma kellha ssib lill-konvenut hati ghall-hall taz-zwieg ukoll minhabba adulterju u abbandun da parti tieghu.

**14.** Dwar l-adulterju, l-attrici tissenjala s-segwenti elementi ta' prova li skont hi kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti sabiex din l-allegazzjoni taghha titqies sodisfacentament provata. Issemmi zewg fatturi, u cioe` [a] li l-konvenut kien baghat hamsa u disghin (95) sms lill-Alison Cassar fi spazju ta' ftit xhur uhud minnhom fis-sieghat bikrin ta' filghodu, meta ma'

din huwa kien stqarr li kellu biss relazzjoni ta' xoghol; u [b] il-fatt li ma' Frances Pavia, li l-konvenut kien iddeskriviha bhala "semplici habiba", hu kien mar *cruise* u, fi kliemu stess, kien lest johrog mix-xena kemm-il darba din tirranga ma' zewgha.

**15.** Dwar l-abbandun l-attrici ssostni li l-konvenut, "minghajr kawza gusta, kappriccjozament, u b'intenzjoni zgura, ferma u kostanti abbanduna lill-appellanti [l-attrici] u lil uliedhom."

**16.** L-attrici ssemmi wkoll, bhala ragunijiet ulterjuri ghas-sejbien ta' tortijiet da parti tal-konvenut, "l-imgieba hazina u l-attitudini distruttiva" tieghu, l-egoizmu tieghu u l-ghira li hu kellu ghaliha meta kien jara s-success li kien qed ikollha kemm fix-xoghol taghha kif ukoll fl-istudji taghha. Tghid li l-konvenut mhux talli ma kienx jghinha u jappoggjaha talli "kien jara x'jaghmel biex ifixkilha, biex ma tkunx ahjar minnu." Tghid li bil-kliem li kien jghidilha, partikolarment meta kien jghidilha li "kien jobghoda" hija kienet msawta psikologikament.

**17.** Barra minn hekk hija ssemmi okkazzjonijiet fejn il-konvenut kien ikun abbuziv verbalment fil-konfront tat-tifla. Hu kien iqis lil uliedu bhala piz, tant li, kif ammess minnu stess, il-manteniment ghat-tifel minuri beda jhallsu mill-jum li hareg id-digriet tal-Qorti u ghaz-zmien ta' qabel ma kien ta xejn lill-attrici ghall-manteniment tat-tifel. Tghid li meta fl-24

ta' Gunju 2007 huwa telaq mid-dar matrimonjali ghazel li ma jghinx lit-tifla li kienet ser tidhol l-Universita`.

**18.** Dwar l-imgieba taghha matul il-konvivenza matrimonjali l-attrici tichad li hi kienet tabbanduna l-htigijiet tal-familja meta taghmel hafna mill-hin tal-gurnata barra mid-dar, kemm minhabba x-xoghol, kif ukoll minhabba l-istudji li kienet qeghdha taghmel, u anke minhabba l-attivitajiet tal-parrocca li kienet taghmel wara l-hin tax-xoghol u l-istudju taghha. Hi ssostni li x-xoghol tad-dar u tat-trobbija tat-tfal kellu jingarr miz-zewg partijiet. Dwar dan l-attrici ressqet bhala xhud lil Fr. Leonard Falzon li fil-kontro-ezami tieghu jghid li: "Naf li hija [l-attrici] kient taghti prijorita` lill-familja ghaliex hassejt li hi persuna tal-familja …. Dak li ghedt li Susan hija mara dedikata ghall-familja ghadu jghodd sal-lum."[3]

**19.** Ghaldaqstant, filwaqt li tichad l-allegazzjoni li hi kienet titraskura l-familja, l-attrici ssostni li hi ma ghandha ebda responsabbilta` x'iggorr ghall-hall taz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**20.** Dwar l-ewwel parti tal-aggravju li hu fis-sens li l-attrici ma ghandha ebda tort ghall-hall taz-zwieg, din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-atti processwali voluminuzi, hi tal-fehma li wahda mill-kawzi

[3] Dep. 19 Jannar 2012

principali li wassal ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet kienet dik li l-attrici kienet taghmel hafna hin barra mid-dar b'detriment car ghar-relazzjoni ta' bejniethom. Kien inutili li l-konvenut jinsisti maghha li wara x-xoghol ma kellhiex ghalfejn tidhol f'attivitajiet ohra li jzommuha 'l boghod mid-dar. Rizultat ta' dan, ix-xoghol tad-dar kien kwazi dejjem kollu jaqa' fuqu inkluz ukoll li jgib lit-tfal mill-iskola. Huwa kien ihossu li qed jigi uzat u li l-attrici ma kellhiex aktar interess fih. Dan kien fonti ta' litigji kontinwi bejn il-partijiet, u wassal sabiex ir-relazzjoni ta' bejniethom tant hzienet li okkazjonalment il-konvenut kien jispicca jaggredixxi verbalment lill-attrici u anki lil bintu meta din kienet izzomm maghha.

**21.** Il-konvenut jilmenta li l-attrici kienet taghmel hafna hin barra mid-dar meta dan ma kienx necessarju. Hu kien jghidilha li wara x-xoghol ma kellhiex ghalfejn tibqa' tinvolvi ruhha f'attivitajiet barra mid-dar, izda l-attrici mhux talli injorat l-ilmenti tal-konvenut zewgha talli dahlet ghal kors ta' hames snin sabiex takkwista diploma fil-Germaniz, u fi granet ohra kienet tattendi l-attivitajiet tal-parrocca. Matul 'il gurnata l-attrici kienet ta' kuljum tmur izzur it-tifel ghand oht ir-ragel, izda wara kienet tattendi ghall-attivitajiet l-ohra.

**22.** Il-konvenut jghid li hu ma felahx jghix f'dik is-sitwazzjoni u kien fl-24 ta' Gunju 2007 li hu qabad u telaq mid-dar matrimonjali meta wara li mar ifittex lil martu u lit-tifel biex jara' ghaliex ma kienux wasslu d-dar

huwa mar il-kappella fejn sab lill-attrici fi grupp ta' membri tal-komunita` jdoqqu l-kitarra. Jidher li meta ra hekk dan ghamel hafna storbju u ddecieda li jitlaq mid-dar.

**23.** Huwa jiddeskrivi hekk l-ahhar gimgha tal-konvivenza meta telaq mid-dar matrimonjali fl-24 ta' Gunju 2007:

> "It-Tnejn waslet id-dar fis-6:00pm, inhaslet u marret ghal laghqa fil-kappella taz-Zwejt, San Gwann u damet hemmhekk sad-9:00pm; It-Tlieta xis-6:00pm marret fil-post li ghandna villeggjatura l-Qawra u giet fit-8.30pm; L-Erghba marret il-German Circle ghal xi kors u giet lura ghal xid-9:00pm; Il-Hamis marret il-Youth Centre tiehu hsieb it-tfal tan-nies sat-8:30pm; Il-Gimgha ghax ma kellha mkien fejn tmur qalet li kienet ghajjiena, inhaslet u fis-6:30pm marret torqod. Il-Hadd filghodu marret il-quddies tad-9:00 am u sal-11:30 am kienet ghada lanqas giet ghaliex wara l-quddies baqghet hemm iddoqq il-kitarra. Hmistax-il gurnata qabel kienet ghamlet hmistax shah kuljum bis-Sibt u Il-Hadd il-Youth Centre jaghmlu r-*rehersel* tal-play li kienu qed jorganizzaw. Dan huwa ezempju tal-hajja li kienet tghix marti dejjem mimlija b'attivitajiet barra d-dar. Jien kont dejjem nigbdilha l-attenzjoni li postha huwa d-dar u kont nghidilha illi hija gja` hafna li mara mizzewga b'zewgt itfal tahdem u taghmel overtime ahseb u ara kif tista' timpenja ruhha kwazi kull filghaxija ghal attivitajiet barra mid-dar."[4]

**24.** Min-naha taghha l-attrici tispjega hekk il-komportament taghha:

> "Naqbel li ghamilt diversi korsijiet matul iz-zwieg – diversi li kienu imposti fuqi mix-xoghol u l-kors tal-Germaniz li beda meta t-tifel kellu 4 snin u [il-kors] kellu jdum 5 snin …. Fil-fatt il-kors spicca f'Dicembru 2003. Ghalkemm mizzewwga, xorta xejn ma waqqafni milli nistudja. Nghid li ma stajtx ma nibqax nistudja … ... jiena kont nistudja bil-lejl wara li nlesti milli kellhi naghmel. L-ghajnuna ta' Leonard kienet tinvolvi li jsajjar meta jkun hemm bzonn u li jmur jixtri … …. Jiena ma kontx inqabbdu biex jaghmel ix-xoghol. Kien jaghmlu ghax ihoss il-bzonn."[5]

---

[4] RG.180/08 – Fol.24
[5] RG.122/08 – Vol.2 – Fol.1026 – Dep.Attrici

**25.** Din il-Qorti tosserva li z-zwieg huwa intiz sabiex il-partijiet jizviluppaw bejniethom komunjoni ta' hajja u ta' imhabba kemm lejn xulxin kif ukoll lejn it-tfal taghhom u l-konjugi ghandhom jagixxu fl-interess tal-familja li ghandha tkun l-ewwel prijorita` fiz-zwieg.

**26.** Fil-kaz odjern sfortunatament hareg bic-car li l-attrici dan ma fehmitux jew ahjar ma kinitx kapaci tattwah ghax minkejja li kienet konxja tal-fatt li d-dewmien taghha barra mid-dar fuq bazi regolari, ghalkemm certament mhux bi skop hazin, kien fonti ta' hafna litigji bejniethom u ta' rabja u frustrazzjoni da parti tal-konvenut zewgha fil-konfront taghha, hija xorta wahda baqghet tikkonduci l-istess stil ta' hajja, sakemm fl-ahhar il-konvenut telaq, ghalkemm mhux ghal kollox, mid-dar matrimonjali.

**27.** Rigward it-trobbija tat-tifel din il-Qorti b'dispjacir tinnota li z-zewg partijiet, ghalkemm it-tnejn jahdmu u ghalkemm ma rrizultax li huma jew xi hadd minnhom ibaghti minn kundizzjoni medika li forsi kienet ta' impediment li jrabbu huma zewgt itfal taghhom, il-partijiet kienu kuntenti li dan jghix ghand oht il-konvenut u mhux mal-genituri tieghu. Ghalkemm iz-zewg partijiet kienu jahdmu, mill-provi ma rrizultatx ir-raguni ghaliex dan it-tifel taghhom spicca ma jghix mal-genituri tieghu, hlief ghall-konvenjenza tal-partijiet. Ma kien hemm xejn x'jimpedixxi la lill-konvenut u lanqas lill-attrici li dawn flimkien jippjanaw stil ta' hajja

mizzewwga li tikkomprendi mhux biss lit-tifla izda anke lit-tifel taghhom. Il-fatt li wara x-xoghol l-attrici kienet timpenja ruhha f'attivitajiet ohra u regolarment kienet taghmel hafna hin barra mid-dar kien wiehed mill-fatturi principali li wassal li l-partijiet jaccettaw li t-tifel taghhom jitrabba minn haddiehor u mhux minnhom.

**28.** Il-hajja matrimonjali tezigi impenn kontinwu dirett lejn l-interessi tal-familja anke jekk dan ifisser li parti tirrinunzja temporanjament jew anke permanentament ghal xi haga li tkun thobb taghmel u dan b'mod partikolarment fejn fiz-zwieg jitwieldu t-tfal ghax f'dan il-kaz dak li hu ta' priorita` huwa l-obbligu taz-zewg genituri li jiehdu hsieb it-trobbija u l-benessere tat-tfal taghhom, almenu sakemm dawn isiru maggjorenni u indipendenti.

**29.** Fid-dawl tal-premess din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ghat-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg kienet tahti wkoll l-attrici, stante li l-komportament taghha fiz-zwieg, ezercitat fuq bazi regolari u ghal perjodu twil matul il-konvivenza matrimonjali, jikwalifika bhala 'sevizzi' fil-konfront tal-konvenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili stante li kien wiehed mill-fatturi principali li rrenda insapportabbli l-konvivenza konjugali bejn il-partijiet.

**30.** Rigward ix-xhieda[6] ta' Fr. Leonard Falzon fejn iddeskriva lill-attrici bhala mara dedikata ghal familja, l-istess xhud fl-istess depozizzjoni jispjega li huwa kien iqis lill-attrici bhala persuna responsabbli "fl-involviment taghha tal-grupp mhux bhala mara mizzewwga. Fuq ir-relazzjoni ma' zewgha ma nistax nghid." L-istess xhud stqarr li lanqas kien jaf li t-tifel iz-zghir kien jorqod ghand iz-zija kuljum. Ghalhekk ix-xhieda ta' dan il-qassis ftit li xejn tista' titfa' dawl fuq dak li kien ghaddej bejn il-partijiet matul iz-zwieg.

**31.** Ghalhekk din il-parti tal-aggravju hija nfondata.

**32.** It-tieni parti ta' dan l-aggravju hija fis-sens li l-ewwel Qorti, minbarra li sabet lill-konvenut hati ai termini tal-Artikolu 40 fuq citat, ma sabitux hati ta' adulterju u ta' abbandun. Hi tissenjala zewg elementi ta' prova li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti sabiex issib il-konvenut hati ta' adulterju u ssemmi zewg nisa, Alison Cassar u Frances Pavia, li skont hi, l-konvenut kellu relazzjoni adulteruza maghhom.

**33.** Rigward Alison Cassar l-attrici tghid li fi spazju ta' ftit xhur huwa baghat lil din il-mara 95 sms, uhud minnhom fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Min-naha tieghu l-konvenut jichad li kellu relazzjoni ma' din il-mara u, ghalkemm ma kienx kapaci jaghti spjegazzjoni ghal dawk l-messaggi, jghid li meta kien jahdem il-posta huwa kellu kuntatt maghha

[6] RG.122/08 – Vol.2 – Dep. Fol.940

ghar-ragunijiet ta' xoghol. Barra minn hekk jghid li hi kienet tikkomunika mieghu peress li kienet interessata li tixtri appartament fil-blokk ta' appartamenti fejn kien jghix hu wara li kien telaq mid-dar matrimonjali.

**34.** Fir-rigward, din il-Qorti tosserva li, ghalkemm dak in-numru ta' messaggi[7] huwa kbir u jaghti wiehed x'jifhem li kien hemm certu hbiberija bejn l-imsemmija Alison Cassar u bejn il-konvenut, dan il-fatt wahdu, kunsidrat ukoll fid-dawl tac-cahda kategorika da parti tieghu li hu kellu relazzjoni ma' din il-mara, ma jwassalx ghall-prova sodisfacenti ta' relazzjoni adulteruza. *Se mai*, l-aktar li wiehed jista' ragjonevolment jikkonkludi minn dak l-element ta' prova huwa li, wara s-separazzjoni *de facto*, il-konvenut kellu rapport partikolari ta' hbiberija maghha izda mhux l-adulterju.

**35.** Fir-rigward ta' Frances Pavia l-konvenut, filwaqt li jghid li hu kien iltaqa' ma' din il-mara 'l fuq minn sena wara s-separazzjoni *de facto*, jammetti li din hija habiba tieghu u li kien jiltaqa' maghha fil-grupp ta' hbieb li maghhom kien johrog. Jghid pero` li gieli hargu flimkien wahedhom. Dwar il-*cruise* li ssemma mill-attrici fir-rikors taghha, il-konvenut jammetti li hu kien mar *cruise* ma' grupp ta' hbieb fosthom l-imsemmija Frances Pavia. Huwa jichad kategorikament li kellu rapport fiziku ma' din il-mara.

[7] Mill-provi jirrizulta li dawn bdew minn Awwissu 2007 wara li l-konvenut kien telaq mid-dar matrimonjali

**36.** F'dan ir-rigward din il-Qorti hi tal-fehma li mill-provi jirrizulta li r-rapport li l-konvenut kellu ma' din il-mara kien wiehed ta' hbiberija specjali li jikkwalifika bhala "ingurja gravi" ai termini tal-artikolu fuq citat, izda mhux l-adulterju. Inoltre jinghad li dawn ma kienux ic-cirkostanzi li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partjiet.

**37.** Ghaldaqstant anke din il-parti tal-aggravju hija infondata.

**38.** Rigward l-abbandun attribwit mill-attrici lill-konvenut, din il-Qorti tosserva li mill-atti processwali jirrizulta car u manifest li hemm mankanti l-element taz-zmien ta' sentejn rikjest mill-Artikolu 41 tal-Kodici Civili sabiex jikkonfigura l-abbandun. Di fatti mill-provi jirrizulta li l-konvenut telaq mid-dar konjugali fl-24 ta' Gunju 2007 u l-proceduri odjerni gew istitwiti fis-27 ta' Marzu 2008 filwaqt li l-proceduri fil-kawza 180/08 kienu gew istitwiti fil-25 ta' April 2008. Ghalhekk iz-zewg kawzi gew istitwiti qabel ma skada t-terminu ta' sentejn mill-24 ta' Gunju 2007. Ghalhekk anke din il-parti tal-aggravju hija insostenibbli.

**39.** Ghaldaqstant dan l-aggravju fl-intier tieghu huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tieni aggravju tal-appell principali*

**40.** Dan hu fis-sens li, filwaqt li l-attrici taqbel mal-likwidazzjoni tal-komunjoni fejn jirrigwardja l-mobbli, hi thossha aggravata bil-mod kif saret il-likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-immobbli mill-ewwel Qorti; ukoll hassitha aggravata bin-“nuqqas ta’ likwidazzjoni ta’ numru ta’ krediti pertinenti” lilha.

**41.** Hija tesprimi x-xewqa taghha li: tenut kont li ghal aktar minn seba’ snin il-konvenut abbanduna d-dar konjugali biex mar jghix fl-appartament fil-Qawra; tenut kont li t-tfal “it-tnejn ghadhom jghixu maghha fl-istess dar [fejn] huma trabbew hajjithom kollha, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-garaxx sottostanti d-dar matrimonjali qed jintuza sabiex it-tifel jezercita` s-sengha tieghu ta’ *electrician*, u ghalhekk issa hemm “*modus vivendi* gdid li llum ’il gurnata ndara minn kulhadd” id-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata lilha “u dan konsiderat anke il-fatt li l-appellat [l-konvenut] stess issanzjona tul is-snin dan l-istat ta’ fatt, billi mar jghix f’dan l-appartament fl-2007 u b’hekk ittermina il-*consortium omnis vitae”*

**42.** Fir-rigward tkompli tghid li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni il-valuri taz-zewg proprjetajiet u tigi ordnata kwalunkwe ekwiparazzjoni necessarja wara li jigu meqjusa l-ammonti ta’ flejjes dovuti mill-konvenut lill-attrici u wara li jigi deciz taht liema modalita` ghandhom jibqghu jigu

mhallsa r-ripagamenti fuq is-self bankarji fuq l-istess proprjetajiet, inkluz il-poloz ta' assigurazzjoni abbinati mal-istess.

**43.** Imbaghad l-attrici tkompli b'dan l-aggravju taghha billi telenka numru ta' krediti dovuti lilha, u cioe`:

> "(a) is-somma ta' €11,642 rapprezentanti din is-somma nofs il-hlasijiet imwettqa mill-appellanti akkont tal-passiv bankarju gravanti l-komunjoni tal-akkwisti;
>
> "(b) is-somma ta' €2,259 rapprezentanti din is-somma nofs il-hlasijiet imwettqa mill-appellanti mill-premia ta' poloz ta' assigurazzjoni pertinenti ghall-komunjoni tal-akkwisti;
>
> "(c) is-somma ta' €724 rapprezentanti din is-somma, bilanc dovut mill-appellat versu l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' iben il-partijiet Daniele abbazi tad-digriet relattiv tal-ewwel Qorti;
>
> "(d) is-somma ta' €796 rapprezentanti din is-somma, nofs ir-rifuzjoni ta' hlas zejjed ta' taxxa fuq il-qliegh maghmul mill-konjugi Armeni;
>
> "(e) is-somma ta' €205 rapprezentanti din, sehem l-appellanti, u cioe` nofs, mill-imghax akkumulat fuq kont bankarju denominat fil-Lira Sterlina;
>
> "(f) is-somma ta' €1,165 rapprezentanti din is-somma, sehem l-appellanti, u cioe` nofs mill-izbank imwettaq mill-appellat ftit jiem wara li abbanduna d-dar matrimonjali;
>
> "(g) is-somma ta' €3,988 rapprezentanti din is-somma nofs l-ispejjez edukattivi u medici nkorsi mill-istanti versu l-htigijiet ta' ulied il-partijiet fiz-zmien precedenti d-digriet relattiv tal-ewwel Qorti, surriferit;
>
> "(h) is-somma ta' €4,200 rapprezentanti din, hlas dovut mill-appellat versu l-manteniment ta' Daniele Armeni fiz-zrnien precedenti d-digriet relattiv tal-ewwel Qorti, surriferit; din is-somma hija kalkolata abbazi tas-somma sussegwentement likwidata mill-ewwel Qorti."

**44.** Dwar il-partiti [a] u [b] l-attrici tghid li kif ammess mill-istess konvenut fid-depozizzjoni tieghu tad-29 ta' April 2013, li s-self bankarju fuq iz-zewg fondi mmobbli thallsu esklussivament mill-attrici waheda, u

ghalhekk il-konvenut ghandu jirrifondi lilha nofs l-ammont tal-pagamenti maghmula minnha fir-rigward sad-data tas-sentenza. Tirreferi wkoll ghal ftehim li kien sar bejn il-partijiet, kif ammess mill-istess konvenut fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2013 fejn l-konvenut qabel li "meta nigu biex naqsmu l-ammont li qed thallas Susan fuq is-self ser jitnaqqsu mis-sehem tieghu jigi carat li ser jitnaqqas minn sehem [l-konvenut] nofs il-pagamenti tallum."[8] Ghalhekk l-attrici tghid li m'ghandux ikun hemm diffikulta` dwar il-hlas ta' dawn il-krediti taghha.

**45.** Din il-Qorti tosserva li mill-aggravju jidher li l-pretensjoni da parti tal-attrici dwar dawn il-krediti qed titressaq biss fil-kaz li din il-Qorti ma taccettax il-proposta taghha dwar l-assenjazzjoni tal-immobbli kif fuq spjegat. Di fatti fl-istess aggravju tkompli tghid:

> "Hija l-umili sottomissjoni tal-istanti iIli jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti taghzel li thalli inalterata d-decizjoni tal-ewwel Qorti li t-tliet (3) immobbli proprjeta` tal-kontendenti jinbieghu fis-suq miftuh wara t-trapass ta' sentejn, sehem l-appellanti ghandu jizdied bis-somma ta' €24,979 rapprezentanti t-total tal-partiti surriferiti biex b'hekk mir-rikavat tat-trasferiment tal-immobbli gewwa San Gwann u gewwa l-Qawra l-appellat jippreleva kreditu ta' €13,461 kif likwidat mill-ewwel Qorti u l-appellanti tippreleva kreditu ta' €24,979 jew somma ohra verjuri kif qeghda tintalab li tillikwida din l-Onorabbli Qorti favur taghha. Dan kollu, naturalment, minghajr hsara ghas-somma ta' €8,000 diga` assenjat mill-ewwel Qorti lill-esponenti fis-sentenza hawn appellata."

**46.** Fir-rigward din il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tal-fatt li ghall-hall taz-zwieg jahtu z-zewg partijiet fi kwoti ugwali, kif ukoll tenut kont tal-fatt li z-zewgt itfal illum huma maggorenni u ghalhekk mhux il-kaz li ser jigi

[8] Ara wkoll RG.122/08 Vol. 2 – Fol.1059 - Dep.Konvenut

disturbat *il foculare domestico* ghad-dannu tat-tfal din il-Qorti tikkondividi l-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat u assenjat dawn l-assi u ghalhekk tikkonferma li dawn ghandhom jinbighu skont kif stabbilit mill-ewwel Qorti.

**47.** Dak li ma taqbilx mieghu din il-Qorti hu li jinghata zmien ta' sentejn qabel ma jsir il-bejgh ta' dawn l-assi. Din il-Qorti hi tal-fehma li, ghar-ragunijiet fuq indikati, dan il-perjodu ghandu jigi limitat ghal sena, tenut kont ukoll li matul il-proceduri l-attrici baqghet tghix fid-dar matrimonjali sal-lum.

**48.** Rigward is-sottomissjoni attrici, biex issostni l-proposta taghha li hi tigi assenjata d-dar matrimonjali, li *"modus vivendi gdid li llum il-gurnata ndara minn kulhadd"* il-Qorti tosserva li dan l-argument huwa manifestament inaccettabbli ghax, apparti mill-fatt li d-dar matrimonjali ghandha izjed kumditajiet mill-appartament tal-villeggjatura li l-partijiet ghandhom il-Qawra, il-konvenut ma tilifx id-dritt tieghu ghal qasma gusta semplicement ghax is-sitwazzjoni *pendenti lite* giet temporanejament accettata minnu u dan mar jghix band'ohra biex jevita aktar inkwiet ma' martu.

**49.** Rigward il-krediti pretizi mill-attrici, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

**50.** Dwar il-partiti [a] u [b], din il-Qorti tosserva li jirrizulta mill-provi li jezisti ftehim verbali bejn il-partijiet sabiex l-attrici tkompli thallas il-*loans* u spejjez relattivi ghas-self gravanti l-postijiet immobbli u meta ssir il-qasma l-konvenut jirrifondi mis-sehem tieghu tal-komunjoni nofs l-ammonti mhallsa. Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti mhux fil-pozizzjoni li tikkwantifika l-ammont dovut mill-konvenut, il-Qorti tiddikjara li mill-provi jirrizulta tali ftehim ghalhekk ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-process tal-qasma.

**51.** Rigward il-partiti [c],[d],[e]u[f] il-Qorti tosserva li ladarba l-komunjoni tal-akkwisti giet xjolta mas-sentenza, allura dawn l-ammonti huma flus imhallsa mill-komunjoni ghall-istess komunjoni.

**52.** Rigward il-partiti [g] u [h] jirrizulta li fiz-zmien qabel ma hareg id-digriet tas-7 ta' April 2009[9], it-tifel kien ghadu jghix ghand iz-zija tieghu u ghalhekk l-attrici ma ghamlitx spejjez fir-rigward peress li t-tifel kien qed jigi mantnut miz-zija oht il-konvenut. Dwar l-ispejjez tal-edukazzjoni jirrizulta li b'digriet tal-5 ta' Marzu 2010[10] l-ewwel Qorti kkonstatat li sadakinhar il-bilanc dovut mill-konvenut lill-attrici kien ta' €277 liema ammont kien gie eventwalment saldat mill-konvenut. Dwar l-ispejjez relattivi ghat-tifla, il-konvenut jghid li f'dak iz-zmien din kienet maggjorenni u ghalkemm kienet qed tistudja kienet tahdem ukoll. Dwar

[9] RG.122/08 – Vol.1 Fol.165
[10] RG.122/08 – Vol.1 – Fol.714

dan, il-provi mhumiex sufficjenti, lanqas biss xehedu t-tfal sabiex jikkorraboraw il-pozizzjoni taghom dwar studji u xoghol.

**53.** Ghaldaqstant rigward dawn il-krediti l-Qorti tosserva li huma gustifikati biss l-partiti [a] u [b] u fl-ammonti li ghad iridu jigu verifikati.

*It-tielet aggravju tal-appell principali*

**54.** Dan l-aggravju jirrigwardja l-hlas lill-attrici ta' manteniment ghat-tifel meta dan ikompli bl-istudji tieghu *full-time*. L-attrici tghid li, filwaqt li fit-22 ta' Novembru 2013 l-ewwel Qorti kienet issospendiet dan l-obbligu tal-konvenut peress li t-tifel kien waqaf temporanejament mill-istudji tieghu, dan l-obbligu kellhu jerga' jigi fis-sehh f'Ottubru 2014 meta t-tifel kien mistenni li jkompli bl-istudji tieghu.

**55.** L-ilment tal-attrici huwa dirett lejn in-nuqqas tal-ewwel Qorti li tipprovdi definittivament li, ladarba t-tifel jirritorna ghall-istudju fuq bazi *full-time*, il-konvenut ghandu jkompli jhallas il-manteniment ghall-htigijiet tieghu, stante li mhux ser ikun ragjonevolment possibbli li t-tifel imantni lilu nnifsu filwaqt li jkompli jistudja.

**56.** Il-konvenut jirribatti billi, qabel xejn jghid li mhuwiex minnu li fil-perjodu ta' bejn meta hu telaq mid-dar matrimonjali sakemm hareg id-

digriet fis-7 ta' April 2008[11] ghall-hlas da parti tieghu ghall-manteniment ghat-tifel huwa ma hallas xejn ghat-tifel. Huwa kien ihallas sehmu mill-ispejjez tal-edukazzjoni tieghu. Dan jirrizulta mid-digriet tal-5 ta' Marzu 2010.[12]

**57.** Huwa jissenjala li minn dakinhar il-manteniment baqa' jigi maqtugh direttament mill-paga tieghu sakemm bid-digriet tat-22 ta' Novembru 2013[13] gie sospiz dan l-obbligu tieghu sat-30 ta' Settembru 2014 peress li t-tifel kien waqaf mill-istudji tieghu f'Mejju 2013 u beda jahdem *full-time* minghajr ma gie informat il-konvenut. Ghalhekk mhux talli hallas il-manteniment ghat-tifel izda baqa' jinqata' l-manteniment ghat-tifel mill-paga tieghu sat-22 ta' Novembru 2013 u cioe` ghall-perjodu ta' sitt xhur.

**58.** Barra minn hekk il-konvenut jissenjala li meta huwa telaq mid-dar konjugali t-tifel kellu 13-il sena u kien ghadu jghix maz-zija tieghu. Ghalhekk ghall-perjodu li t-tifel ghamel jghix ghand oht il-konvenut dan m'ghandux ihallas xejn lill-attrici bhala manteniment ghat-tifel. Inoltre l-konvenut isostni li nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni tat-tifel dejjem thallsu minnu.

---

[11] RG.122/08 – Vol.1 – Fol.165
[12] Supra
[13] Ibid – Vol.2 – Fol.1080. Fl-udjenza tat-22 ta' Novembru 2013 l-Qorti seduta stante ssospendiet l-obbligu tal-hlas tal-manteniment peress li t-tifel kien impjegat *part-time* temporanju u li kellu jerga' jibda l-istudju *full-time* f'Ottubru 2014

**59.** Barra minn hekk minn meta sehhet is-separazzjoni *de facto* l-attrici baqghet tippercepixxi hi d-*dividends* u l-imghaxijiet fuq l-investimenti tal-partijiet li allura kienu qed jaghmlu tajjeb ghal xi htigijiet tat-tfal, tant li permezz tad-digriet tal-5 ta' Marzu 2010 fuq imsemmi, meta l-ewwel Qorti kkonstatat li l-konvenut kellu jhallas bhala bilanc is-somma ta' €227, ordnat ukoll li dawn id-*dividends* u imghaxijiet jibdew jinqasmu ugwalment bejniethom.

**60.** Il-Qorti tosserva li l-provi fir-rigward huma mankanti f'diversi aspetti. Per ezempju ghalkemm mid-dokumenti[14] annessi mar-rikors tal-attrici jirrizulta li t-tifel kien qed jahdem *part-time* u kien mistenni li jkompli l-istudji tieghu ma rrizultax provat jekk it-tifel fil-fatt kompliex l-istudji tieghu *full-time* minn Ottubru 2014 kif kien mistenni.

**61.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat.

*Ir-raba' aggravju tal-appell principali*

**62.** Dan l-aggravju jirrigwardja l-ispejjez gudizzjarji u permezz tieghu l-attrici qed issostni li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jigu akkollati esklussivament lill-konvenut stante li "kienu n-non kuranza u t-titubagni tal-appellat li holqu diffikultajiet illi jintlahaq ftehim bonarju kemm qabel l-

[14] RG.180/08 – Foll.88 u 87 li huma dikjarazzjonijiet mhux konfermati bil-gurament wiehed mahrug mill-kumpanija 2M Energy Solutions ltd. u l-iehor mid-Direttur Deputat tal-Institute of Electrical and Electronics Engineering fejn hemm indikat li f'Marzu 2012 it-tifel kien qed jahdem *part-time* u li pero` ghadu student registrat mal-istitut imsemmi.

intavolar ta' dawn il-proceduri, u kif ukoll fi stadju bikri taghhom". Tghid ukoll li l-konvenut, minflok utilizza r-rikors guramentat [kawza numru 122/2008] imressaq minn Susan Armeni fis-27 ta' Marzu 2008 sabiex iressaq it-talbiet tieghu billi jaghmel kontro-talba, huwa frivolozament iddecieda li jintavola r-rikors guramentat separat fil-15 ta' April 2008 u cioe` xahar wara li hija kienet diga` prezentat ir-rikors guramentat taghha.

**63.** Il-konvenut, filwaqt li jichad li hu kellu xi tort ghaliex ma ntlahaqx ftehim bonarju bejn il-partijiet, jispjega li meta hu pprezenta l-kawza 180/08 fil-25 ta' April 2008, u cioe` fiz-zmien ix-xaharjen mid-digriet tal-gheluq tal-medjazzjoni fl-4 ta' Marzu 2008, huwa ma kienx ghadu notifikat bil-kawza 122/08 intavolata minn martu. Kien ghalhekk li hu pprezenta r-rispsosta guramentata fit-13 ta' Gunju 2008.

**64.** Fir-rigward il-Qorti tosserva li t-tezi tal-konvenut hija sostnuta mill-atti [RG.122/08] minn fejn ma jirrizultax li l-konvenut kien gie formalment notifikat bl-atti prezentati mill-attrici.

**65.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*L-ewwel aggravju tal-appell incidentali*

*Ghamara u effetti ohra fil-fondi tal-partijiet*

**66.** Dan l-aggravju jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li "kull parti ghandha zzomm il-mobbli li prezentement ghandha fil-pussess taghha peress li jidher li dawn huma oggetti prevalentement parafernali" filwaqt li fil-parti operattiva tas-sentenza awtorizzat li l-partijiet izommu l-oggetti parafernali fil-pussess taghhom.

**67.** Il-konvenut isostni li l-ghamara kollha li hemm fil-proprjetajiet tal-partijiet inxtrat waqt iz-zwieg u ghalhekk din ghandha tinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali jew inkella tinbiegh flimkien mal-fondi fuq imsemmija. Huwa kompla jispjega hekk dan l-aggravju:

> "Jekk l-Ewwel Qorti kienet qeghda tirreferi ghall-ghamara u oggetti ohra li jinsabu fid-dar matrimonjali u fil-post tal-villeggjatura – dan allura jkun jfisser illi, filwaqt illi Susan Armeni tigi assenjata l-ghamara kollha fid-dar matrimonjali Leonard Armeni jispicca jigi assenjat l-ftit ghamara tal-post ta' villeggjatura li m'ghandha l-ebda valur. Huwa ovvju illi f'dar residenzjali jkun hemm aktar ghamara ta' valur milli go appartament ta' villeggjatura. Illi apparti minn hekk mill-atti ma jirrizulta bl-ebda mod illi l-partijiet kienu xtraw xi ghamara jew oggetti fid-dar qabel iz-zwieg hlief ghad-dota bhala lozor u xugamani li l-mara tghid illi gabet fiz-zwieg.
>
> "Minn imkien ma jirrizulia illi l-ghamara u l-oggetti kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali gew akkwistati mill-mara qabel iz-zwieg u ghalhekk huwa prezunt fil-ligi illi kwalunkwe oggetti mobbli jappartjenu lill-kommunjoni tal-akkwisti.
>
> "Illi umilment jigi sottomess illi l-Ewwel Qorti ma kienetx korretta meta qalet illi dawn huma oggetti prevalentement parafernali peress illi ghall-kuntrarju mill-provi jirrizulta illi l-partijiet ma kellhom l-ebda oggetti parafernali izda l-ghamara kollha li tinsab kemm fid-dar matrimonjali u kif ukoll fil-post ta' villeggjatura gewwa l-Qawra u kif ukoll il-vetturi tal-partijiet inxtraw kollha matul iz-zwieg. Illi fid-dar matrimonjali li hija terraced house hemm hafna aktar ghamara milli hemm fil-post ta'

> villeggjatura gewwa l-Qawra li fih jirrisjedi l-appellat u li jikkonsisti fi tlett ikmamar ossija kcina u zewgt ikmamar tas-sodda. Tant kemm fil-post ta' villeggjatura ma kienx hemm ghamara illi meta Leonard Armeni kien mar jirresjedi f'dan l-appartament huwa kellu jixtri xi appliances bazici u b'ordni tal-Qorti huwa seta' jiehu mid-dar matrimonjali gwardarobba u skrivanija. Illi minn naha l-ohra d-dar matrimonjali hija armata b'ghamara u oggetti ta' valur. Illi ghalhekk l-appellat jhossu aggravat b'din il-parti tas-sentenza ghaliex huwa ser jispicca jigi assenjat ghamara ta' valur li ma jeccedix l-€200 filwaqt li martu ser tigi assenjata ghamara u oggetti mobbli li jammontaw ghal madwar €50,000."

*Vetturi*

**68.** Il-konvenut jilmenta li l-ewwel Qorti ma semmiet xejn dwar iz-zewg vetturi li nxtraw matul iz-zwieg, u cioe` l-vettura Hyundai Accent [ARM 158] li tinsab fil-pussess tieghu, u l-vettura Peugeot 106 [ARM 293] li qeghdha fil-pussess tal-attrici. Jghid li din l-ahhar vettura kienet teccedi l-valur tal-vettura l-ohra b'€5,000 meta nxtraw. Ghalhekk l-attrici ghandha thallas lill-konvenut din id-differenza fil-valur tal-vetturi.

**69.** Fir-rigward ta' ghamara u effetti mobbli fil-postijiet taz-zewg partijiet, din il-Qorti tosserva li l-konvenut ghandu ragun, stante li ma rrizultax li whud mill-effetti mobbli huma parafernali ta' xi parti, ghalhekk tiskatta l-prezunzjoni li l-ghamara u l-effetti mobbli fil-postijiet huma assi tal-komunjoni, u ghalhekk ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet, possibbilment bi pjan ta' qasma konkordat bejniethom, jew inkella billi jinbighu mal-post relattiv u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**70.** Rigward il-vetturi, il-Qorti tosserva li anki hawn il-provi huma skarsi, u ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' l-assenjazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti, u cioe` kull parti zzomm il-vettura li ghandha fil-pussess taghha.

**71.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

*It-tieni aggravju tal-appell incidentali*

**72.** Il-konvenut jilmenta li fil-likwidazzjoni tal-komunjoni l-ewwel Qorti ma qisitx l-ispejjez ta' "manutenzjoni u tisbih" li huwa ghamel fil-post tal-Qawra, u dan minkejja li huwa kien prezenta r-ricevuti kollha relattivi. Jghid li l-attrici kellha thallsu ta' sehmu minn tali spejjez. Huwa jhossu aggravat b'dak li osservat l-ewwel Qorti fir-rigward, u cioe` li "billi huwa ilu issa xi snin jghix fih ma hux il-kaz li l-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom."

**73.** Il-konvenut isostni li mis-sena 2007 'il quddiem huwa dejjem hallas b'mod esklussiv il-kontijiet tal-komun ossija l-Owner's Association Fees ghall-manutenzjoni u tisbieh tal-blokka ta' appartamenti. Ghalhekk ladarba hu pprezenta r-ricevuti relattivi kellu jigi rifuz mill-attrici nofs dawn l-ispejjez.

**74.** Fir-rigward, din il-Qorti tirribadixxi li tenut kont li l-komunjoni tal-akkwisti giet terminata bis-sentenza tal-ewwel Qorti, dak kollu li l-partijiet

hallsu u ghamlu rigwardanti l-postijiet immobbli sar mill-flus tal-komunjoni fl-interess tal-istess komunjoni.

**75.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa infondat u qed jigi michud.

*It-tielet aggravju tal-appell incidentali*

**76.** Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ordnat li d-dar matrimonjali u l-*flat* gewwa l-Qawra jinbieghu fiz-zmien sentejn mid-data tas-sentenza. Huwa jilmenta li dan il-perjodu ta' sentejn akkordat mill-ewwel Qorti mhuwiex gustifikat fic-cirkostanzi tal-kaz meta jitqies li l-proceduri odjerni ilhom ghaddejjin 'il fuq minn 7 snin u ghalhekk mhux il-kaz li l-attrici tinghata aktar zmien biex tghix fid-dar matrimonjali biex, skont l-ewwel Qorti, "tilhaq tirranga s-sitwazzjoni taghha billi ghandha t-tfal jghixu maghha *sia pure* maggorenni."

**77.** Il-konvenut isostni li l-bejgh ta' dawn il-fondi ghandu jsir b'effett immedjat u jissenjala li l-post tal-villeggjatura m'ghandux l-kumditajiet bhad-dar matrimonjali, sahansitra lanqas tieqa ghal barra m'hemm. In fatti, filwaqt li d-dar matrimonjali giet valutata bil-prezz ta' €245,000 il-flat tal-Qawra gie valutat bil-prezz ta' €67,000 u l-garaxx li jinsab gewwa l-Qawra ma jistax jinbiegh jekk mhux mal-appartament.

**78.** Apparti minnhekk illum it-tfal tal-partijiet huma maggorenni, u, filwaqt li t-tifla kellha tizzewweg fit-13 ta' Gunju 2015, it-tifel jahdem u ghandu introjtu fiss.

**79.** Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha meta trattat it-tieni aggravju tal-appell principali, u ghall-istess raguni ser tilqa' dan l-aggravju limitatament billi tordna li l-postijiet jinbighu wara li jaghlaq il-perjodu ta' sena mid-data ta' dan il-gudizzju. B'hekk iz-zewg partijiet ikollhom zmien u opportunita` bizzejjed sabiex isibu akkomodazzjoni alternattiva u anki l-postijiet jinbighu bi prezz tajjeb.

**80.** Ghaldaqstant dan l-aggravju qed jigi milqugh parzjalment.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi tiddeciedi billi: tilqa' l-appell principali limitatament kif ser jinghad: billi tordna li meta jinbighu l-postijiet tal-partijiet, minn sehem il-konvenut tal-komunjoni jitnaqqas nofs il-pagamenti tal-*loans* u l-ispejjez relatati mal-*loans* maghmula mill-attrici mis-27 ta' Gunju 2007 sad-data tal-bejgh relattiv u dan l-ammont jigi mghoddi lill-attrici u jizdied ma' sehemha;

Dwar l-appell incidentali din il-Qorti qed tilqghu limitatament: billi tordna li l-ghamara u l-effetti mobbli ezistenti f'dawn il-postijiet jinqasmu b'mod konkordat bejn il-partijiet ugwalment, jew inkella jinbieghu mal-postijiet u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti awtorizzat lill-partijiet kull wiehed jghix fil-post fejn qed jghix fil-prezent ghal perjodu ta' sentejn qabel ma jsir il-bejgh tal-postijiet, u, minflok, tordna li dan il-perjodu jigi ridott ghal sena biss; tordna wkoll li kull parti zzomm il-vettura li ghandha fil-pussess taghha llum;

Tawtorizza wkoll li l-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha 'Duca';

Tikkonferma s-sentenza appellata ghal bqija;

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk tal-appell principali u l-appell incidentali jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
ld/mb